**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum l-Erbgha 10 ta' April, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs.**

**Maruska Attard u**
**Francois Micallef**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni – kif emendata b'digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Ottubru 2007 – migjuba kontra:

Maruska Attard ta' 24 sena, bint Albert u Eugenia nee Zammit, imwielda Pieta nhar il-25 ta' Settembru 1982, u li toqghod fil-fond 13 "San Gaetano", Triq Azzopardi, Marsa, u detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 520882(M); u

Francois Micallef ta' 22 sena, iben John u Maria Anna nee Grech, imwieled Pieta nhar il-11 ta' Gunju 1984, u li joqghod fil-fond 54, "Alfcarm", Triq Mile End, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 293784M

Akkuzati talli:

1. fis-6 t'Awwissu 2006 u fil-jiem ta' wara din id-data, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahhlu biex ibieghuhom jew imexxuhom, liema oggetti misruqin gejjin minn reati ta' serq.

2. Fil-konfront tal-imputata Maruska Attard giet akkuzata wkoll li fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awwissu 2006 ghal habta tal-hdax nieqes kwart ta' fil-ghaxija (10:45p.m.) f'San Giljan, flimkien ma' persuni ohra kkommettiet serq ta' handbag flimkien ma persuni ohra, kontenenti telephone cellulari, flus kontanti u oggetti ohra liema serq huwa kwalifikat bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira (Lm1000) sar ghad-dannu ta' Geneviva Abela min-Naxxar.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Fis-seduta tat-23 ta' April, 2009 – meta l-kawza kienet ghadha fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni - gie registrat is-segwenti verbal: *"Dr Scerri ghall-imputata Maruska Attard, fir-rigward ta' l-akkuzi dwar ricettazzjoni, qed jirregistra ammissjoni."* Dottor Victor Scerri huwa l-avukat difensur tal-imputata Maruska Attard.

Rat id-digriet taghha tas-7 t'Ottubru 2015, fejn cahdet it-talba tal-imputata Maruska Attard sabiex tirtira din l-ammissjoni taghha.

Rat ir-rapporti tal-Ufficjali tal-Probation.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tal-avukat difensur tal-imputata Maruska Attard.

Ghalkemm din il-Qorti kienet tat lill-imputat Francois Micallef il-fakolta li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet sat-23 ta' Settembru 2016, mill-atti ma jirrizultax li l-imputat ipprezenta din in-nota.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fis-6 t'Awissu 2006, Petra Micallef irrapportat l-Ghassa ta' San Giljan li waqt li kienet miexja minn hdejn il-mina tas-Swieqi vicin ic-cinema, ghaddiet vettura vicin taghha u xi hadd gibdilha u haditilha l-hand bag. Go dan il-handbag kellha fost affarijiet ohra mobile tad-ditta Sharp GX 7.
2. Fl-24 ta' Mejju 2006, Genevieve Abela irrapportat l-Ghassa ta' San Giljan, li l-gurnata ta' qabel fil-ghaxija hi u r-ragel kienu marru jieklu il-Corinthia San Gorg Hotel, u meta harget mill-hotel u kienet se taqsam it-triq quddiem il-hotel, karozza bajda tal-marka Nissan ghaddiet vicin hafna taghha u xi hadd minn gol-vettura gibdilha u hadilha l-handbag li kellu diversi affarijiet go fih.
3. Wara investigazzjonijiet li ghamlu l-Pulizija, huma ressqu l-imputati u akkuzawhom bl-imputazzjonijiet fuq elenkati.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

*<u>L-Ammissibilita tal-Istqarrijiet tal-Imputati</u>*

Qabel mal-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra l-kwistjoni dwar jekk l-imputati humiex hatja jew le tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati, hi thossha obbligata li taghmel osservazzjoni preliminari dwar l-ammissibbilita tal-istqarrijiet tal-imputati. Fil-konsiderazzjonijiet taghha, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tiskarta l-istqarrijiet tal-imputati u dak kollu li setghu qalu waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

*Konsiderazzjonijiet fil-Meritu*

Fir-rigward tal-imputata Maruska Attard, kif intqal iktar il-fuq, din ammettiet l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni, u cioe l-ewwel akkuza. Mill-provi migjuba mill-prosekuzzjoni minghand il-mobile service providers, jirrizulta li din l-imputata kellha ghal xi zmien fil-pussess taghha il-mobile misruq lil Petra Micallef. Ghaldaqstant, il-Qorti ser issibha hatja ta' din l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni, fil-konfront ta' dan il-mobile.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni fil-konfront ta' Maruska Attard, u cioe is-serq tal-handbag ta' Genevieve Abela, il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tressaq provi sabiex issostni t-tezi taghha li l-impututa kienet involuta b'xi mod f'dan is-serq. Konsegwentement, din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

Fir-rigward ta' l-imputat Francois Micallef, ix-xhud Jonathan Farrugia xehed li l-imputat bieghlu mobile ghall-prezz ta' LM30.00. Mill-provi jirrizulta li l-mobile li bieghlu l-imputat, kien l-istess mobile li insteraq lil Petra Micallef. Dawn il-provi ma gew bl-ebda mod kontradetti, u din il-Qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tiskarta x-xhieda ta' Jonathan Farrugia. Konsegwentement, din il-Qorti issib li l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat Francois Micallef, giet sodisfacentement pruvata sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

Il-Qorti tosserva li l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova tal-valur tal-mobile li nsteraq lil Petra Micallef. L-unika prova li hemm huwa li dan inbiegh mill-imputat Micallef lil Jonathan Farrugia ghal Lm30.00, ekwivalenti ghal €69.88.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

L-ammissjoni ta' Maruska Attard ghall-ewwel imputazzjoni ma tistghax titqies bhala wahda bikrija, stante li l-Prosekuzzjoni kienet lahqet ressqet parti sostanzjali tal-provi, li kienu juru li f'xi zmien kellha mobile misruq fil-pussess taghha. X'hin sabet ruhha daharha mal-hajt, iddecidiet li tirregistra ammissjoni, biex forsi tottjeni riduzzjoni fil-piena. Pero dan ma jistghax ikun, ghax hi xorta wahda hliet il-hin tal-Pulizija u tal-Qorti.

Mill-fedina penali aggiornata jirrizulta li l-imputata Maruska Attard kellha 5 kundanni minn dawn il-Qrati, tlieta (3) minnhom dwar serq aggravat. Hi ibbenifikat minn sentenzi alternattivi ghall-pruginerija, izda hija giet moghtija wkoll sentenza ta' piena karcerarja ta' sena.

Fis-social inquiry report taghha fil-konfront tal-imputata Maruska Attard, l-Ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina ikkonkludiet hekk: *"Flimkien mal-kumpanija ta' persuni li Maruska Attard jidher li kienet taghzel f'hajjitha, is-sens ta' avventura u n-nuqqas ta' hsieb jidher li ta' spiss kien fil-bazi tal-imgiba kriminali min-naha tal-imputata. Fid-dawl ta' dan jinhass il-bzonn li l-imsemmija tinghata gwida fl-ghazliet ta' persuni f'hajjitha billi b'mod partikolari tigi mghejjuna tahseb dwar il-konsegwenzi tal-istess ghazliet kif ukoll ta' ghemilha. Barra minn hekk, jinhass il-bzonn li hija ma tibqax tiddependi b'mod totali fuq il-beneficcji socjali u li tinghata l-ghajnuna sabiex issib impjieg li tkun tista' zzomm fil-wat li ma tonqosx mill-attenzjoni lejn uliedha."*[1]

Fir-rapport verbali taghha dwar l-imputata Maruska Attard, l-istess Ufficjal tal-Probation ikkonkludiet hekk *"L-imputata tirrrelata l-imgiba kriminali taghha mal-kumpanija ta' nies li kienet tiffrekwenta kif ukoll ma' decizjonijiet istintivi li kienet tiehu. Min-naha l-ohra, fil-prezent l-imputata tidher li zzomm hajja stabbli u li qieghda tiehu wkoll r-responsabbilita taghha bhala omm. Ma jirrizultax li Attard ghandha jew qatt kellha problemi relatati ma' abbuz ta' drogi. Fid-dawl ta' dan, jirrizulta li Maruska Attard hija idonea sabiex twettaq Ordni ta' Servizz fil-Kommunita ... ..."*[2]

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet tal-Ufficjal tal-Probation, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-imputata Attard ghandha tinghata l-ahhar cans sabiex jghinha titbieghed mit-triq tal-kriminalita li kienet qabdet u li tirrientigraha ruhha fis-socjeta.

Mill-fedina penali aggiornata tal-imputat Francois Micallef, jirrizulta ghandu hames kundanni minn dawn il-Qrati fuq serq, gurament falz, pussess tad-droga eroina, li wettaq hsara fuq hwejjeg haddiehor, u sewqan ta' karozza minghajr licenzja.

---

[1] Ara fol. 187 tal-process

[2] Ara fol. 196 retro tal-process.

Fis-*social inquiry report* tieghu dwar l-imputat Francois Micallef, l-Ufficjal tal-Probation Glenn Grixti ikkonkluda hekk: *"L-Ufficjal tal-Probation ihoss li jkun ghaqli li Francois jibqa' jaghmel hiltu biex izomm 'il boghod mid-droga u l-hajja kaotika li kien jghix fil-passat. B'hekk huwa jkun jista' jghix hajja ta' bzulija li toffrilu stabbilita f'hajjtu. Ghaldaqstant, l-Ufficjal tal-Probation jemmen li Francois ghandu jibqa' jattendi ghas-sessjonijiet gewwa l-Agenzija Sedqa u dan sabiex jircievi l-ghajnuna necessarja."*[3]

Fir-rapport verbali tieghu, l-istess Ufficjal tal-Probation irrakkomanda hekk:
*"Ta' min isemmi li l-kampjuni kollha tal-urina li l-imputat issottometta ruhu ghalihom sa minn Awwissu 2014 irrizultaw fin-negattiv ghas-sustanzi illeciti tal-eroina, kokaina u kannabis.*

*Minn din l-informazzjoni jirrizulta li l-ikkoncernat huwa kandidat elegibbli sabiex jaghmel xoghol fil-komunita.*

*Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkustanzi qed jigi suggerit umilment lil din l-Onorabbli Qorti li Francois Micallef jinghata Ordni ta' Probation u Servizz, u dan skont l-Artikolu 18 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ghan ta' din l-Ordni huwa li fil-waqt li l-ikkoncernat jinghata s-supervizjoni necesarja huwa jkun qed jaghti kumpens lis-socjeta."*[4]

Din il-Qorti lesta li wkoll tati lill-imputat Francois Micallef l-ahhar opportunita sabiex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita u li jirrintegra ruhu fis-socjeta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tiddeciedi bil-mod segwenti:

*<u>Fil-Konfront ta' Maruska Attard</u>*

Il-Qorti:

[3] Ara fol. 170 retro tal-process.
[4] Ara fol. 208 retro tal-process.

1. Issib lill-imputata mhux hatja tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra taghha u qieghda tilliberaha minnha.

2. Wara li rat l-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra taghha, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446, tordna li l-hatja titqieghed taht ordni ta' probation u servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal tlett snin (3) snin mill-lum u li tobdi ordni ta' servizz fil-komunita billi taghmel xoghol bla hlas ghal tlett mitt (300) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn annessa, li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

   Dawn l-ordnijiet qed isiru wara li din il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car u semplici l-effett ta' dawn l-ordnijiet u li jekk hija tonqos li tikkonforma ruhha maghhom jew taghmel xi reat iehor, hija tista' tinghata sentenza ghar-reat originali.

<u>*Fil-konfront tal-Imputat Francois Micallef*</u>

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel u unika imputazzjoni dedotta kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446, tordna li l-hati jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal tlett snin (3) snin mill-lum u li jobdi ordni ta' servizz fil-kommita billi jaghmel xoghol bla hlas ghal tlett mitt (300) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn annessa, li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

<u>Dawn l-ordnijiet qed isiru wara li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-effett ta' dawn l-ordnijiet u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghhom jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.</u>

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, inkluz l-ordnijiet annessi maghha, jintbaghtu lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**